**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tat-18 ta’ Marzu, 2016

Talba Numru: 308/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 5

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu, Marsa, MRS 1501**

**vs**

**Mark Tripper (Passaport numru PT2597795MT)**
**Xemxija Waterfront/12,**
**Telghet ix-Xemxija,**
**Ix-Xemxija**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta’ hames mija u sbatax-il ewro u wiehed u sittin centezmu (€517.61c) dovuta mill-konvenut lis-Socjeta` attrici rappreżentanti ammont in

konnessjoni mas-servizz ta’ kommunikazzjoni bil-kont numru *A/C 40187565* mogħtija mis-Soċjeta’ attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta’ Charmaine Wiffen rappreżentanta tas-Soċjeta` attriċi li permezz tieghu kkonfermat bil-ġurament illi l-ammont pretiż mill-konvenut għadu dovut u ma tħallasx lanqas in parte.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta’ hames mija u sbatax-il ewro u wiehed u sittin centezmu (€517.61c) bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 976/2014 huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**